**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Frankie u Valentina Muscat Triolo

vs

Olive Gardens Investments Ltd

CCT 153/20/MS

8 ta' Frar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-23 ta' Ottubru 2020, fejn talbu lil dan it-Tribunal:

jiddikjara u jiddeciedi illi l-ammont ta' elfejn u erba' mitt euro ma huwiex dovut u m'gahndux jithallas minnohom lil istess socjeta intimata;
jordna u jikundanna l-istess socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' hames mitt euro, ossia jirrifondu d-depozitu minnhom imhallas, u dan
prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li talvolta tkun xieraq u opportuna;
bl-ispejjez u l-imghax kontra s-socjeta intimata .

Ra r-risposta tas-socjeta intimata fejn eccepiet:

in linea preliminari in-nuqqas ta' kompetenza rationae materiae ta' dan it-Tribunal peress illi t-talba ma tidholx fil-parametri tal-artikolu 20(1) tal-Att dwar Affarijiet tal-Konsumatur stante li l-ecceipjenti ma ntrabtet li taghti ebda servizz lill-atturi u l-ftehim ta' bejniethom kien biss ghal kiri ta' sala, li ma tirrentrax fit-tifsira ta' "oggett" skond l-artikolu 2 tal-istess Att li espressament tirreferi ghal hwejjeg mobbli, mentri l-kelma "oggett" tinkludi immobbli biss ghal finijiet ta' Taqsima VII tal-istess Att a tenur tal-artikolu 44(5);
bla pregudizzju, n-nuqqas ta' kompetenza rationae materiae ghal dik il-parti tat-talba li biha jridu dikjarazzjoni li m'ghandhomx ihallsu, u mhux li ghandhom jithallsu, billi fis-sostanza taghha tali dikjarazzjoni trid issikket pretensjoni ta' kontro-parti u kwindi mhijiex ammissibbli f'dan il-forum, u billi wkoll quddiem dan it-Tribunal ma jistghux jintalbu dikjarazzjonijiet in vacuo li ma jwasslu ghal ebda kundanna ta' hlas;

illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, ma kien hemm ebda nuqqas jew ksur ta' obbligazzjoni da parti tal-eccipjenti billi s-sala li giet mikrija kienet disponibbli ghall-uzu taghhom kif pattwit u fil-fatt tesa' l-ammont ta' nies li kien miftiehem skond il-ftehim tas-26 ta Gunju;
illi kien biss minhabba mizuri restrittivi dwar avvenimenti pubblici tal-massa li l-kapacita' tas-sala giet ridotta u l-eccipjenti ghalhekk offriet l-uzu addizzjonali tat-tieni sala li tinsab adjacenti u kontigwa ghas-sala mikrija, versu l-hlas irizorju ta' €200.00, liema offerta giet originarjament accettata;
illi l-mizuri restrittivi imsemmija jikkostitwixxu forza magguri li dwarha l-atturi assumew kull riskju liberament permezz tal-artikolu 14 tal-ftehim tas-26 ta' Gunju 2017, kif ukoll ikkonfermaw tali patt permezz ta' ftehim ulterjuri tas-17 ta' Marzu 2020;
illi ghalhekk it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati;
Bl-ispejjes.

Ra s-sentenza preliminari tat-12 ta' Mejju 2021 fejn it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata u laqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni taghha, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza limitatament fuq il-kwistjoni tal-hlas tad-depozitu.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitolbu l-hlas ta' hames mitt Euro, depozitu imhallas minnhom ghall-uzu ta' sala ghal tieg,

Illi rrizulta mill-provi illi fis-26 ta' Gunju 2017 ir-rikorrenti dahlu fi ftehim mas-socjeta' intimata ghall-uzu ta' sala ghal tieg taghhom u hallsu depozitu ta' hames mitt ewro mal-iffirmar tal-ftehim. It-tieg kellu jsir fl-1 ta' Mejju 2020 (Dok A), u l-bilanc ta' €2,400 kellu jithallas sa mhux iktar tard minn ghaxart ijiem qabel id-data tal-funzjoni. Minhabba l-pandemija, it-tieg ma setax isir dakinhar, u l-partijiet ftehmu li d-data tat-tieg timxi ghat-20 ta' Gunju 2021 (Dok H). Kien hemm ukoll ftehim verbali li t-tieg kellu jsir fit-8 Settembru 2020. Ir-rikorrenti kellhom 350 mistiednin u s-sala kienet takkomoda 500 gewwa u 450 barra (ara klawzola 4 ta Dok A u Dok H).

Illi minhabba r-restrizzjonijiet u l-mizuri li dahlu fis-sehh, fil-21 ta' Awwissu 2020, is-socjeta' intimata baghtet ittra fejn infurmat lir-rikorrenti illi mit-28 ta' Awwissu 2020, t-total tal-mistiednin, inkluz l-istaff kollu, li setghet tiflah is-sala, (fuq gewwa u fuq barra) kien ta' 270 persuna. (Ara Dok D). Peress illi r-rikorrenti kienu stiednu iktar minn 270, (eskluz l-istaff), s-sala ma baqghetx iktar vijabbli u ghalhekk fit-22 ta' Awwissu, ir-rikorrenti kancellaw il-booking.

Illi min-naha l-ohra, Dorothy Baldacchino, direttur fi hdan il-kumpanija, tikkonferma illi r-rikorrenti kienu bbukjaw l-uzu tas-sala ghat-tieg taghhom u kkonfermat li kellhom 350

mistiednin. Tghid ukoll illi peress illi bil-mizuri is-sala ma setghetx takkomoda iktar minn 270 guests, hi kienet offrietilhom l-uzu tal-Cottage Garden ghall-hlas addizjonali ta' mitejn Euro, u b'hekk setghu jakkommodaw 390 guests - stand-up. Tghid ukoll illi r-rikorrenti kienu kuntenti u accettaw din il-proposta -(ara messagg mibghut fil-31 ta' Lulju 2020. Pero' f'Awwissu 2020 hareg protocol iehor fejn stand-up weddings ma setghux isiru izjed u bhala servizz, is-socjeta' intimata kienet toffri biss il-kirja tas-sala u ma kenitx toffri imwejjed u siggigjiet. Tghid illi r-rikorrenti Valentina kienet cemplet fit-18 ta' Awwissu u qaltilha illi kienet ser tigihom gholi wisq, kemm minhabba l-imwejjed u s-siggijiet kif ukoll minhabba l-menu li kellu jinbidel.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi t-Tribunal ghandu quddiemu zewg kuntratti iffirmati mill-partijiet - kuntratt datat 26 ta Gunju 2017 ghall-uzu ta' sala f'1 ta' Mejju 2020 (Dok A) u kuntratt datat 17 ta' Marzu 2020 ghall-uzu ta' sala fl-20 ta' Gunju 2021. Ma hemmx kuntratt appozitu ghall-uzu ta' sala fit-8 ta' Settembru 2020, pero' hemm numru ta' messaggi skambjati bejn il-partijiet, fejn jidher car illi r-rikorrenti u l-intimata kienu qeghdin jippruvaw isibu gurnata qabel l-20 ta' Gunju 2021. Fil-fatt, f'messagg minnhom li ntbghat fid-19 ta' Gunju 2020, ghalkemm ir-rikorrenti tghid illi x'aktarx it-tieg ha jsir fit-8 ta' Settembru, xorta wahda riedet thalli l-booking tal-20 ta' Gunju 2021 miftuh sal-ahhar tax-xahar. Fid-29 ta' Gunju 2020 u fil-31 ta' Lulju 2020 ir-rikorrenti kkonfermat id-data ghal 8 ta' Settembru 2020. (Ara Dok B u C).

Illi gara, pero', illi fil-21 ta' Awwissu 2020 - u allura tlett gimghat wara l-konferma - ir-regoli imbiddlu (Ara l-ittra datata 21 ta' Awwissu 2020) - u issa t-tigijiet kellhom isiru bil-qiegha u n-numru ta' mistiednin ma setax jaqbez mitejn u sebghin ruh - u dan kien jinkludi catering staff, band, photographer u kwalunkwe staff iehor. Dan ma kienx accettabbli ghar-rikorrenti sia minhabba n-numru ta' mistiednin u anke ghaliex huma kellhom jahsbu ghall-imwejjed u s-siggijiet li ma kienux ha jigu pprovduti mis-socjeta intimata .

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qeghdin jitlolbu minghand is-socjeta' intimata il-hlas ta' €500 - depozitu li huma kellhom ihallsu talli bbukkjaw is-sala tat-tieg bl-isem Eden Lodge . Dan skond kuntratt datat 26 ta' Gunju 2017 u sussegwentement emendat. It-tieg originali kellu jkun stand-up wedding ghal tlett mija u hamsin ruh. Fil-fatt skond il-kuntratti iffirmati, is-sala kienet tiflah sa' 500 mistiednin gewwa u 450 barra - u allura r-rikorrenti kellhom rashom mistrieh li s-sala setghet takkomoda n-numru ta' mistiednin li xtaqu huma. Meta r-regoli imbiddlu, huma ghall-ewwel kienu qeghdin jippruvaw jsibu soluzzjoni, pero' meta imbaghad harget ill-mizura tal-21 ta' Awwissu 2020, is-sala ma

baqghetx vijabbali ghalihom - kemm minhabba n-numru ta' mistiednin, kif ukoll il-fatt illi huma issa kellhom bzonn igibu mwejjed u siggijiet.

Illi meta si tratta ta' tieg, l-ghazla tas-sala huwa fattur importanti hafna u dan jigi determinat skond în-numru tal-mistiednin. Meta r-rikorrenti bbukjaw is-sala, huma kellhom f'mohhom li ha jistiednu 350 ruh - u dan gie konfermat ukoll minn Dorothy Baldacchino fix-xhieda taggha. Huwa car illi r-rikorrenti bbukjaw dik is-sala, propju ghaliex xtaqu jkollhom numru kbir ta' nies. Isegwi allura, illi bir-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' mistiednin, li kienet xi haga barra mill-kontroll taghhom, ma setghux ikollhom it-tieg li huma xtaqu u li ffirmaw ghalih skond il-kuntratti. Barra minn hekk, skond il-kuntratt originali huma ma kellhomx bzonn imwejjed jew siggijiet. Pero', bil-mizuri li dahlu fis-sehh fil-21 ta' Awwissu 2020, issa kien ser ikollhom jgibu l-imwejjed u s-siggiiet u jidhlu fi spiza ohra.

Ghalkemm huwa vera illi it-tieg kien ha jsir fit-8 ta' Settembru 2020, jibqa' l-fatt illi sad-29 ta' Gunju 2020 ( u cjoe' d-data meta r-rikorrenti ikkonfermaw it-tieg permezz ta' sms, dawn ir-regoli ma kienux ghadhom hargu fis-sehh. Il-fatt li l-intimata stess kienet disposta li thalli l-booking miftuh ghas-sena ta' wara, juri bic-car, l-incertezza li kien hemm f'dawk iz-zminijiet, meta l-affarijiet kienu qeghdin jinbidlu minn gurnata ghall-ohra. It-Tribunal ihoss, ghalhekk, illi li kieku dawk ir-regoli kienu thabbru f'Gunju minflok f'Awwissu, ir-rikorrenti zgur ma kienux ser jaccettaw li jizzewgu f'Settembru u kienu jzommu d-data tal-20 ta' Gunju 2021, u b'hekk kien ikollhom id-dritt li jikkancellaw il-booking skond il-klawzola 7.

It-Tribunal ghalhekk ihoss illi it-talba taghhom biex jikkancellaw l-avvenument ma kienx wiehed kapriccuz fic-cirkostanzi, u jidher car illi r-rikorrenti ghamlu l-almu taghhom u baqghu sal-ahhar jippruvaw jsibu soluzzjoni, sakemm din ma kenitx iktar vijabbli.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-klawzola 14 tal-kuntratt - u cjoe' "Kull sfrattar minhabba atti tan-natura u kaguni ohra li jkunu barra l-kontroll tas-socjeta' jkunu a risk tat-tieni parti", it-Tribunal jidhirlu illi dan jaqa' fil-parametri tal-artikolu 45 tal-Kap 378. Jekk din kienet sitwazzjoni barra mill-kontroll tas-socjeta' intimata, kienet daqstant barra mill-kontroll tar-rikorrenti. L-avvizi tal-Gvern kienu jinbidlu minn gurnata ghall-ohra, u ghalhekk, fic-cirkostanzi, klawzoli li jirrikjedu avviz ta' sitt xhur zmien biex wiehed jinkancella, kienu assurdi u superfluwi.

It-Tribunal jidhirlu ghalhekk illi r-rikorrenti ghandhom ragun fit-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-isocjeta' intimata thallashom is-somma ta' hames mitt Euro. €500.00. Bl-ispjjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru